repubblika
A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

**STQARRIJA TA' REPUBBLIKA [PR 28/2020]**

Il-Kap tal-Hate Crime and Speech Unit
15, 1st Floor
City Gate Buildings
Triq l-Ordinanza
Il-Belt Valletta VLT 1020

11 ta' April 2020

Għażiż Sinjur/a,

Niktiblek in konnessjoni ma' kummenti li għamel lbieraħ fuq il-mezzi soċjali s-Sur Afred Grixti, CEO tal-Foundation for Social Welfare Services. Kopja ta' screenshot tal-imsemmija kummenti qed tintbagħat lilek flimkien ma' din l-ittra.

Huwa evidenti li tali kummenti huma ta' natura serjissima. Fil-fehma ta' Repubblika, dawn huma kummenti li tal-anqas jiġġeneraw mibegħda jekk m'humiex minnhom infushom ukoll riżultat ta' mibegħda. Dan hu agħar meta wieħed iqis li f'dan il-qasam is-Sur Grixti hu rappreżentant tal-gvern u jitkellem għall-gvern u allura l-awtorità tiegħu twassal biex dawn il-fehmiet perikolużi, preġudikati u razzisti jixterrdu aktar.

Fid-dawl tal-fatti suesposti, nitolbok sabiex bla telf ta' żmien tieħu dawk il-passi kollha li huma meħtieġa sabiex tali kummenti jkunu investigati u tittieħed l-azzjoni neċessarja.

Dejjem tiegħek,

Prof. Vicki Ann Cremona
President, Repubblika

55, Triq Melita, il-Belt Valletta, VLT 1120
repubblika.mt@gmail.com

11 ta' April, 2020

Is-Sur Joe Gerada
President
Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali
212, Cannon Road,
Santa Venera SVR 9034

Għażiż Sur Gerada,

Niktiblek wara l-kummenti li s-Sur Afred Grixti, CEO tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali, għamel lbieraħ fuq il-mezzi soċjali; screenshot tal-imsemmija kummenti qed tkun mehmuża ma' din l-ittra.

Aħna jidhrilna li dawn il-kummenti huma diametrikament opposti għall-viżjoni tal-Fondazzjoni li tagħha inti l-President: "The Foundation for Social Welfare Services is a catalyst for change and development in the social welfare sector in Malta, consistent with the real and emerging needs of children, families and the community in order to avoid social exclusion."

Fil-fehma ta' Repubblika is-Sur Grixti ma jistax iservi ta' Kap Eżekuttiv ta' din il-Fondazzjoni pubblika meta jħaddan ideat u jippromwovi valuri li jmorru fundamentalment kontra l-missjoni tagħha.

Għalhekk nistennew li tieħu l-passi xierqa biex din il-Fondazzjoni tista' tkun ta' servizz lil min hu l-aktar vulnerabbli.

Dejjem tiegħek,

Vicki Ann Cremona (Prof)
President

c.c.: Dott Michael Falzon LLD, ACIB, MP, Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali